## Imla 'l Qalbi
Karm Debattista mssp

Imla 'l qalbi bik, hawn nintelaq fik
Imla 'l qalbi bik, bik u xejn aktar

Xejn ma jagħmel sens
Fik insib kull wens
Ħajti vojta tkun mingħajrek Mulej Ġesù

Xejn ma jtini ferħ
Fik insib kull serħ
Ħajti isbaħ tkun mimlija bik Ġesù

Imla 'l qalbi bik, hawn nintelaq fik
Imla 'l qalbi bik, bik u xejn aktar

Bik ma jonqos xejn
Int kollox Mulej
Ħajti vera tkun mimlija bik Ġesù

Ejja Mulej, ejja Mulej
Ejja Mulej, hawn mill-ġdid

---

## Hallelujah
Karm Debattista mssp

Inti – il-qawwa fid-dgħufija
Inti – kull faraġ tkun għalija
Inti – il-ħaruf bla tebgħa
Inti – 'l fuq minn kull setgħa

Hallelujah! Il-Mulej ħa s-saltna
Hallelujah! Glorja 'l Alla tagħna
Hallelujah! Issa jgħammar f'qalbna
Hallelujah! Tifħir 'l Alla tagħna

Inti – għandek dak li rrid
Inti – tgħallimni l-ħajja nsib
Inti – fdejtni bis-salib
Inti – tħallini miegħek qrib

Hallelujah

## Ibdilni Mulej
Karm Debattista mssp

Ibdilni Mulej
Ibdilni, Mulej Ġesù (x2)

Bħalek umli u b'qalb ħelwa nkun
Safi f'dak li nagħmel jien
Kun hawn f'qalbi, salvani
Ibdilni... bħalek insir

Mulej Ġesù, Mulej Ġesù,
Mulej Ġesù...
Mulej Ġesù, Mulej Ġesù,
Mulej Ġesù, ibdilni!

---

## Fi Kristu biss
Karm Debattista mssp

Fih… fi Kristu biss qalbi tistrieħ
Għax huwa sod, Hu jibqa' sħiħ
Insib fih id-dawl li rrid
Għax nafda fih qawwa nsib

Fih… fi Kristu kull biża' tintemm
Għax fih imħabba vera hemm
Insib fih il-milja tas-sliem
It-triq f'ta' Kristu l-kliem

Fi Kristu biss, għax hu rebbieħ
Fi Kristu biss hemm kull mistrieħ
Lil Kristu biss jixraq kull ġieħ
Għax kull ħelsien jinsab biss fih

Glorja, tifħir u glorja
Glorja lil Kristu biss

## Hawn f'Riġlejk
Karm Debattista mssp

Hawn ġejt biex inqimek
Nagħraf insir nafek
Hawn inqiegħed ħajti, f'riġlejk

Hawn ġejt biex noffrilek
Ġejt inservi lilek
Hawn inqiegħed ħajti, f'riġlejk

Kull offerta tiegħi, dan it-tifħir tiegħi
Il-qalb tiegħi li nqiegħed hawn f'riġlejk
Bħal inċens quddiemek jitla' 'l fuq isibek
Inti biss jixraqlek kull tifħir

Jien nadurak, jien nadurak.
Jien nadurak, nadurak.

Hawn f'riġlejk

---

## Infaħħrek Mulej
Karm Debattista mssp

Infaħħrek, Mulej, infaħħrek
Ta' dak li madwari hemm
Ta kull ma Int ħlaqt għalija
Infaħħrek, Mulej

Infaħħrek, Mulej, infaħħrek
Meta nsibni għaddej f'xi deżert
Meta miexi fi triq twila waħdi
Iva nfaħħrek, Mulej

Jiġri x'jiġri nibqa' nfaħħrek, Mulej
Nibqa' nfaħħrek, Mulej. Infaħħrek, Mulej
Jiġri x'jiġri nibqa' nfaħħrek, Mulej
Nibqa' nfaħħrek, Mulej Ġesù

Infaħħrek, Mulej, infaħħrek
Għax titla' fuqi dejjem ix-xemx
U ssebbaħ kulma hawn madwari
Infaħħrek, Mulej

Infaħħrek, Mulej, infaħħrek
Meta tinżel ix-xita sew
U jitħarbat kull pjan li kelli
Imma nfaħħrek, Mulej

Jiġri x'jiġri nibqa' nfaħħrek, Mulej

Għax Int hemm, dejjem hemm
Int miegħi f'kull hemm
Inti hawn miegħi qrib
Nerġa' ngħidlek mill-ġdid
Infaħħrek, Mulej

## Ħejju t-triq għall-Mulej
Karm Debattista mssp

Ħejju t-triq għall-Mulej
Ħalluh jidħol il-feddej
Ħejju t-triq għall-Mulej
Huwa qrib, il-Mulej ġej
Ħejju t-triq għall-Mulej
Ħalluh f'qalbkom jibqa'għaddej
Ħejju t-triq, dalwaqt jasal
Ersqu lejh

Ħejju t-triq fid-deżert, fix-xagħri wittu l-mogħdijiet
Ħa jintradam kull wied, ħa jitniżżlu l-għoljiet
Ħa titwitta art imħabbta, issir maqgħad l-art imħarbta
Tfiġġ il-glorja tal-Mulej, le, ma ddumx għax ġej

Ħejju t-triq għall-Mulej (Ħejjulu t-triq)
Ħejju t-triq, dalwaqt ġej

---

## Kun tagħhom ir-Ragħaj
Karm Debattista mssp

Għażiltek u ħtartek għalija
U mal-poplu tiegħi kun
Għażiltek biex lilhom tmexxi
U fil-mixja qrib tagħhom tkun

Ħudhom f'mergħat kollha ħdura
Fejn hemm mistrieħ u sliem
Qalbhom imkissra u mweġġgħa
Weħidhom, bi spirtu għajjien

Irgħa l-ħrief tiegħek, ħu ħsiebhom ilkoll
Dawk qrib, sew dawk bogħod jeħtiġuk
Wasslilhom il-Kelma li 'l qalbhom tmiss
Imxi qabilhom u huma jsegwuk
Kun tagħhom ir-ragħaj!

Kun magħna għax mitlufa nfittxu
Mexxina u urina t-triq
Għax dgħajfa sawwab fuqna żejt safi
Imlina bl-Ispirtu, qalbna tfiq

Kun tagħhom ir-ragħaj! tagħhom ir-ragħaj!
Kun tagħhom ir-ragħaj u huma jsegwuk

## Agħmilni bħalek
Karm Debattista mssp

Agħmilni bħalek
Mulej, nitolbok, qaddisni
M'jien xejn quddiemek
Ejja hawn Mulej, u missni

Qaddisni… Mulej, qaddisni
Qaddisni… Mulej
U kull qerq neħħi minni
Hawn jien, f'idejk

Ħudni f'idejk
Mulej, f'idejk

Agħmilni nixbah lilek
Kuljum inservi lilek
Imlini aktar bik
Aktar bik

---

## Ngħammar f'Darek
Bernard Falzon mssp, Karm Debattista mssp

Int id-dawl, Int il-ħelsien
Minn min nibża' 'kk miegħek jien
Jekk il-kenn tkun għalija Int, Mulej
Ħaġa waħda tlabtek jien
Li għal dejjem, għal kull żmien
Ngħammar f'darek ħajti kollha, O Mulej

Fl-għarix jaħbini meta ruħi nsib fil-għawġ
F'daru jistorni minn kull hemm
Rasi tintrefa' fuq l-għedewwa tal-madwar
Niġi fit-Tempju noffri b'ferħ

La taħbix wiċċek minni, fik l-għajnuna nsib
La tħallinix, la titlaqnix
Iħenn għalija u jweġibni l-Mulej
Lilu nfittex, lilu rrid

Jilqagħni għandu meta f'dari ma nsibx kenn
Urini triqtek, O Mulej
Nara t-tjieba tal-Mulej f'art il-ħajjin
Sħiħa hi qalbi fil-Mulej

## Niżfen għalik
Karm Debattista mssp

Meta miegħek, meta qribek
Jidher li kollox hu sew
U f'qalbi mill-ġdid insib serħ
U nħossni rrid naqbeż bil-ferħ

Meta nara kif tberikni mill-ġdid
Infaħħrek u nkanta minn qalbi għalik
U għajnejja bid-dmugħ spiss jimtlew
Għax qalbi bil-ferħ tfur tassew

U nqum niżfen, inqum nifżen għalik
Niżfen għalik mill-ġdid

U allura nqum, irrid niżfen kuljum
Biex nuri li fl-ispirtu meħlus
Xi ħaġa tmexxini biex naqbeż u ndur
Fejn l-Ispirtu jmexxini mmur

---

## Ħenn għal uliedek
Mużika: Karm Debattista mssp

Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej
Int bieb illi jagħti għas-sema
Int kewkba tal-baħar Marija!
Ħenn għal uliedek midinba!

Ħarisna mill-waqgħa, kun magħna
Għajnuna tal-poplu l-maħtur
Int kewkba tal-baħar, Marija!
Ħenn għal uliedek midinba!

Li b'għaġeb nissilt lil min ħalqek
Fis-siegħa li lqajt it-tislima
Li tak Gabriel, u bqajt xebba
Kif qabel, hekk wara t-tnissil

Ħenn għal uliedek, midinba!
Ħenn għal uliedek, midinba!
Ħenn għal uliedek, midinba!
Ħenn għalina Omm ħanina (x2)

Ħarisna mill-waqgħa, kun magħna
Inti li lqajt it-tislima
Li tak Gabriel, u bqajt xebba
Kif qabel, hekk wara t-tnissil